MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 465/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**

**vs**

**Jesmond Vella**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Jesmond Vella ta' 28 sena iben Carmelo Vella u Maria Grazia nee' Gauci, imwieled Pieta' nhar id-09 ta' Settembru 1982, u residenti gewwa fond numru 15, Triq il-Kullegg, Sqaq numru 1, Rabat, Malta u detentur tal-karta tal-identita' numru 489582(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar il-15 ta’ Novembru 2010 u fil-gimghat ta’ qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Bhala l-persuna li zamm jew qabel li jzomm xi annimali, gieghel lil istess annimali, (2 iklieb) isofru ugiegh, tbatija u dwejjaq minghajr bzonn u talli abbandunahhom b’tali mod li nzammu ghal hafna zmien fi hmieg taghhom stess, minghajr ilma u ikel u ma pprvdiex post dicenti fejn jistriehu u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2), Taqsima 1 v, tal-Kap 439 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali;

2. Fl-istess zminijiet, hin,lok u cirkostanzi zamm annimali jew qabel li jzomm annimali ghandu u ma kienx responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) u 8(3), Taqsima 1v, tal-Kap 439 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 29 ta’ Marzu 2011 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tad-29 ta’ Settembru 2011 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-29 ta’ Settembru 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq

ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li kellu problemi ta' natura familjari kif ukoll li t-tieni imputazzjoni tista' titqies li hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli8(2) u (3) tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah multa ta'  tlett mitt ewro (€300).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------